MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 36 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 11 ta' Ġunju, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fil-5.30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Galea |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Siġġiewi | Dr Kurstein Sant |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

| | |
|---|---|
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Kunsillier Birżebbuġa | Is-Sur Sandro Alexander Caruana |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Viċi Sindku Ħal Luqa | Is-Sur Kearon Bruno |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

35.1.1 Il-President informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

36.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-ħamsa u tletin (35) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

36.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Johan Mula, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 36.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Laqgħa  mal-Onor. Ministru Dr Aaron Farrugia**

36.3.1 Il-President informa li fil-jiem li għaddew, hu u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa mal-Onor. Ministru Dr Aaron Farrugia fejn ġew diskussi sfidi u strateġiji li se tkun qed tadotta Malta b'rabta mat-tibdil fil-klima u tnaqqis fl-emissjonijiet. Il-Ministru wera x-xewqa li jinkludi l-Kunsilli Lokali biex jibagħtu feedback u suġġerimenti għax huma jinsabu f'kuntatt dirett mar-residenti. Hu wkoll xtaq jiltaqa' mal-Membri tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar biex jiddiskuti skemi ta' għajnuna finanzjara lill-Kunsilli Lokali biex ikunu jistgħu jwettqu proġetti ta' tħaddir ta' pjazez u spazji miftuħa, kif ukoll tħaddir ta' żoni urbani.

Għaldaqstant il-President stiednu jattendi fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-11 ta' Ġunju 2020 wara li tkun intemmet il-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali.

36.3.2 Waqt din l-istess laqgħa se tkun qed issir preżentazzjoni mill-Perit Frans Mallia mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar id-Development Planning Fund.

**- Stickers sofor biex ifakkru li għandha tinżamm id-distanza soċjali**

36.3.3 Il-President qal li l-istickers biex ifakkru li għandha tinżamm id-distanza soċjali li kienu imwegħdin fl-aħħar laqgħa waslu u se jkunu qed jitqassmu dakinhar stess wara l-laqgħa. Dawn tħallsu mill-fondi tal-Kunsill Reġjonali u mill-AKL u għandhom jitwaħħlu f'postijiet pubbliċi tal-lokalità.

## 36.4 Skeda ta' Pagamenti;

36.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/20A-1 u 06/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

36.4.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Kurstein Sant u ssekondata mis-Sur Renald Falzon, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 36.5 Financial Statements 2019

36.5.1 Il-President ressaq ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019 mħejji mill-awdituri u talab lill-accountant tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar biex tagħti spjega tiegħu.

36.5.2 Is-Sa Marisa Ciappara, l-accountant tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, tat spjega tar-Rapport finanzjarju lill-Membri preżenti.

36.5.3 Il-President tar-Reġjun irrimarka li parti sostanzjali mill-ispejjeż marbutin mal-uffiċċju amministrattiv huma relatati max-xogħol tat-Tribunal Lokali. Kif kien spjega drabi oħra, dawn l-ispejjeż għaddew lill-awdituri tal-LESA u fiż-żmien li ġej, il-Kunsill Reġjonali għandu

jieħu rifużjoni ta' dawn l-ispejjeż. Ġaladarba jkollna f'idejna dan il-ħlas, għandu jiġi diskuss bejn il-Membri tal-Kunsill Reġjonali kif inhu l-aħjar mod li għandhom jintużaw dawn il-flus.

36.5.4 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Kunsill Reġjonali unanimament approva r-rapport finanzjarju.

## 36.6 Ġbir ta' Skart Riċiklabbli;

36.6.1 Il-President irrefera għall-komunikazzjoni li ntbagħtet mill-AKL lill-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsilli Lokali ntalbu jagħtu appoġġ lill-AKL u lill-Kunsilli Reġjonali biex flimkien jesploraw possibilitajiet ta' mekkaniżmi kif għandu jsir il-ġbir ta' skart riċiklabbli b'mod aktar effettiv. Dan fid-dawl li numru ta' Kunsilli Lokali ġew mgħarrfa mill-kumpaniji li jipprovdu s-servizz li ħa jnaqqsu l-ġranet tal-ġbir jew saħħansitra jitterminaw kompletament il-ġbir.

36.6.2 Il-Membri preżenti bdew jiddiskutu din il-proposta fejn kollha qablu li bħala servizz ta' ġbir dejjem sar tajjeb miż-żewġ kumpaniji li jipprovdu dan is-servizz lill-Kunsilli Lokali. Isibu diffikultajiet fuq skart li jitħalla biex jinġabar minn postijiet kummerċjali.

36.6.3 Kien hemm ftit lokalitajiet li rrimarkaw li kellhom notifika mill-kumpanija li tipprovdi s-servizz li se jkun imwaqqaf is-servizz għal ftit ġimgħat u wara jerġa' jiġi lura skont il-ftehim li għandhom fis-seħħ. Biss ħadd ma qal li ġie mgħarraf li se jkollu s-servizz terminat jew tnaqqis fil-ġranet tal-ġbir b'mod permanenti.

36.6.4 Il-President irrimarka li l-kuntratturi ma jistgħux jiddettaw huma lill-Kunsill kif għandu jaħdem u jekk għandhom kuntratt fis-seħħ għandhom josservawh. Il-Kunsill Lokali għandu l-aġenda tiegħu kif għandu joffri s-servizz lir-residenti tiegħu u l-kuntrattur m'għandux jindaħal bl-ebda mod lill-Kunsill.

36.6.5 Xi Membri kkummentaw li ż-żewġ kumpaniji li jipprovdu s-servizz qed jaġixxu kif iridu huma għax mhu qed isibu lil ħadd jeqfilhom.

36.6.6 Fid-dawl tal-fatt li ż-żewġ kumpaniji li jipprovdu s-servizz se jkunu qed jiltaqgħu mal-Ministru responsabbli fejn se jiddiskutu dawn il-materji, il-Membri preżenti qablu li qabel jagħtu l-appoġġ lill-AKL u lill-Kunsill Reġjonali biex jiġu esplorati mekkaniżmi aktar effettivi għall-ġbir ta' skart riċiklabbli, jistennew ħa jaraw x'se joħroġ minn din il-laqgħa.

## 36.7 Affarijiet Oħra;

- **Budget 2020 rivedut**

36.7.1 Il-President ħabbar li kellha bżonn issir reviżjoni tal-budget għal din is-sena minħabba numru ta' raġunijiet fosthom li l-Kunsill Reġjonali, skont kif għandu stipulat fil-funzjonijiet tiegħu, se jkun qed joħroġ sejħa pubblika għal studju u rapport ta' evalwazzjoni fuq l-impatt soċjali fil-lokalitajiet kollha tar-Reġjun u dan se jkun jiswa ammont sostanzjali ta' flus. Spejjeż oħra li kellhom jiġu riveduti skont esperti li għaddewlna l-informazzjoni huma r-restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv u l-bini ta' spazju amministrattiv fit-tielet sular. Il-President qal ukoll li mhux se jkun hemm bdil fl-ispejjeż li kienu pproġettati għall-

amministrazzjoni u l-Kunsill se jkun qed jaħdem qatigħ biex il-finanzi jkunu amministrati bl-aktar mod għaqli.

36.7.2 Il-President ħabbar ukoll li minħabba miżuri li kellhom jittieħdu biex tiġi mrażżna l-firxa tal-Covid-19, numru ta' attivitajiet li kellu ppjanati l-Kunsill Reġjonali kellhom jitħassru kif ukoll numru ta' skemi ta' għajnuna li r-Reġjun kellu ppjanati għall-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Madanakollu l-Kunsill Reġjonali xorta se jkun qed iqassam skemi ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali matul is-sena u se jibda mix-xahar li ġej.

36.7.3 Il-President qal li pjan aktar dettaljat tal-budget rivedut se jkun qed jingħata fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss.

**- Skema ta' għajnuna biex il-Kunsilli Lokali jwettqu proġetti ambjentali**

36.7.4 Il-President ħabbar li l-Kunsill Reġjonali jrid jagħti l-kontribut tiegħu biex fil-lokalitajiet tagħna jkollna ambjent isbaħ u aħjar, b'aktar ħdura. Għaldaqstant se jkun qed joħroġ skema ta' għajnuna finanzjarja għal dawk il-Kunsilli Lokali li japplikaw mal-Awtorità tal-Ippjanar għal proġetti marbutin mad-Development Planning Fund kif ukoll proġetti marbutin mal-Inizjattiva Slow Streets.

36.7.5 Il-President informa li din l-iskema se tilħaq is-70,000 ewro li tissarraf f'5,000 ewro għal kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun. Din l-iskema se tkun qed tiġi mfassla u mnedija fil-jiem li ġejjin.

**-Rifużjoni tal-onorarja tal-President u s-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv mil-LESA**

36.7.6 Il-President informa li waqt laqgħa li kellu mal-President u l-Eżekuttiv tal-AKL huma ddiskutew il-fatt li l-LESA fl-2016 kienet aċċettat li tirrimborsa s-salarji tal-istaff amministrattiv tal-Kunsilli Reġjonali inkluż dak tas-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll l-onorarja tal-President. L-Aġenzija LESA kienet issa qed titlob l-approvazzjoni mill-AKL li fid-dawl li issa l-Kunsilli Reġjonali qed jingħataw allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali, ma tagħmilx sens li dawn jibqgħu jirrifondu lura s-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv u l-onorarja tal-President għax dawn xogħolhom, essaġġ, mhux marbut mat-Tribunal Lokali. F'din id-diskussjoni, il-Presidenti tar-Reġjuni u l-AKL ilkoll qablu li l-Kunsilli Reġjonali m'għandhomx

jibqgħu jitolbu rifużjoni ta' dawn il-ħlasijiet lil-LESA, imma jibqgħu jitolbu lura l-ħlasijiet tas-salarji tal-istaff klerikali u r-Reġistratur biss. Il-President fisser li dan ifisser li minn issa 'l hemm dawn il-ħlasijiet iridu jibdew jinħarġu mill-fondi tar-Reġjun. Hu wera l-opinjoni li aħjar jibdew jitnaqqsu b'mod immedjat għax inkella r-Reġjun jispiċċa jkollu jħallashom lura aktar 'il quddiem. Għalhekk talab l-approvazzjoni tal-Membri preżenti biex jagħti struzzjonijiet lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli dan l-ammont ma jibqax jintalab rifużjoni tiegħu lil-LESA.

36.7.7 Il-Membri preżenti unanimament approvaw li l-onorarja tal-President u s-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv jibdew jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill Reġjonali u ma jibqax jintalab rifużjoni tagħhom lil-LESA.

## 35.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

35.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.09 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 02 ta' Lulju 2020 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |